

Brussell, 18 ta' Lulju 2025
(OR. en)

11777/25

DEVGEN 131
COHAFA 71
ACP 77
RELEX 1036
SUSTDEV 58
COHOM 129
SAN 474
FAO 34

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	18 ta' Lulju 2025
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 10216/25 + ADD 1	
Suġġett:	It-tiŝiħ tar-reżiljenza fil-pajjiżi sħab permezz tal-azzjoni esterna tal-UE - Konklużjonijiet tal-Kunsill (18 ta' Lulju 2025)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tiŝiħ tar-reżiljenza fil-pajjiżi sħab permezz tal-azzjoni esterna tal-UE, kif approvati mill-Kunsill fl-4114-il laqgħa tiegħu li saret fit-18 ta' Lulju 2025.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tar-reżiljenza fil-pajjiżi sħab permezz tal-azzjoni esterna tal-UE**INTRODUZZJONI**

1. Il-Kunsill jinnota bi tħassib l-isfidi dinjija li qed jikbru u l-impatt negattiv tagħhom fuq l-ambjent tal-ġajnuna internazzjonali u s-sistemi ta' żvilupp internazzjonali. F'dan il-kuntest, l-UE – bħala l-akbar fornitur ta' ġajnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA) fid-dinja – tibqa' sieħeb affidabbli impenjat li jsaħħaħ ir-reżiljenza madwar id-dinja.
2. Il-Kunsill jirrikonoxxi li x-xenarju ġeopolitiku li qed jinbidel, fejn il-konflitt u l-fraġilità qed jixprunaw il-faqar dinji estrem, flimkien mar-restrizzjonijiet attwali ta' finanzjament, joħolqu hteġa li r-riżorsi disponibbli jintużaw b'mod aktar strateġiku u ssir aktar enfasi fuq approċċ trasformattiv li għandu l-għan li jintegra miżuri ta' prevenzjoni, stabbilizzazzjoni, paċi, antiċipazzjoni u tisħiħ tar-reżiljenza. Dan jirrikjedi s-sjieda tal-pajjiżi sħab u l-involvement sostnut ibbażat fuq il-fehim tas-sensittivitajiet lokali u kulturali.
3. Il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu dwar l-approċċ strateġiku għar-reżiljenza fl-azzjoni esterna¹ flimkien mal-impenn tiegħu li jkompli jappoġġa lill-pajjiżi sħab fit-tisħiħ tar-reżiljenza bħala prijorità tal-azzjoni esterna tal-UE permezz ta' interventi ta' benefiċċju reċiproku. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-paċi, il-prosperità u s-sigurtà tal-UE u l-Istati Membri tagħha huma dejjem aktar interkonnessi ma' dawk tas-sħab tagħna. L-inkorporazzjoni tal-preparatezza fl-azzjoni esterna tagħha, f'konformità mal-Istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza ppreżentata fis-26 ta' Marzu 2025, u t-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sħab tagħna jikkontribwixxu għat-tisħiħ tar-reżiljenza tal-UE stess. L-iżvilupp tar-reżiljenza reċiproka mas-sħab jikkontribwixxi wkoll għall-ġlieda kontra t-theddid ċibernetiku u ibridu bħad-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin.

¹ ST 14191/17 Approċċ Strateġiku għar-Reżiljenza fl-Azzjoni Esterna tal-UE - Konklużjonijiet tal-Kunsill (13 ta' Novembru 2017).

4. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu li jirrispetta l-valuri kollha tal-UE, inkluż id-dritt internazzjonali u d-dritt umanitarju internazzjonali. Il-Kunsill jikkonferma wkoll l-impenn tal-UE u l-Istati Membri tagħha għall-implimentazzjoni effettiva tal-Aġenda 2030 u li jkomplu jappoġġaw multilateraliżmu effettiv u inklużiv.

SITWAZZJONI ATTWALI

5. Il-Kunsill jenfasizza l-forza trasformattiva potenzjali tat-tisħiħ tar-reżiljenza għat-tisħiħ tal-progress fl-iżvilupp u t-trawwim tal-istabbiltà. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li tingħata prijorità lill-kooperazzjoni mal-pajjiżi sħab abbażi tar-responsabbiltà u s-sjeda kif ukoll abbażi ta' valuri kondiviżi u impenn għal objettivi ta' żvilupp sostenibbli fit-tul. Biex jintlaħqu dawn l-objettivi, ser ikun kruċjali li jsiru investimenti u interventi f'oqsma ewlenin:
- a. Ir-reżiljenza trid tissaħħaħ fil-livelli kollha – individwali, komunitarji, nazzjonali, reġjonali u internazzjonali. L-appoġġ għar-reżiljenza jixpruna l-konverġenza għal daww l-aktar żvantaġġati.
 - b. Il-Kunsill jissottolinja li istituzzjonijiet pubbliċi inklużivi, trasparenti, indipendenti u responsabbli huma kritiċi għat-tisħiħ tar-reżiljenza fit-tul fil-livelli kollha.
 - c. Is-soċjetà ċivili u l-gruppi komunitarji huma sħab umanitarji u għall-iżvilupp importanti. Innisa u ż-żgħażaġh għandhom rwol kritiku bħala mexxejja u aġenti tal-bidla fit-tisħiħ tar-reżiljenza. L-investiment fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' tali atturi jgħin lir-rispons tal-ewwel linja meta jseħħu kriżijiet umanitarji.
 - d. Il-Kunsill jenfasizza wkoll l-importanza tal-libertà tal-media, il-pluraliżmu, il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u t-tisħiħ tal-litteriżmu medjatiku, fit-trawwim ta' spazju ċiviku infurmat u reżiljenti, li jippermetti liċ-ċittadini jipparteċipaw b'mod attiv fil-proċessi demokratiċi u jżommu lill-istituzzjonijiet responsabbli.

- e. Il-Kunsill itenni l-impenn sħiħ tiegħu li jappoġġa u jimplimenta l-qafas internazzjonali dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem kollha min-nisa u l-bniet kollha u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tagħhom fih innifsu u bħala għan u mutur tal-iżvilupp sostenibbli, filwaqt li jieħu nota tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (GAP) III kif adottat mill-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea, u milqugħ permezz tal-Konklużjonijiet tal-Presidenza.
- f. Il-Kunsill jissottolinja r-rwol vitali tax-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni bħala faċilitaturi ewlenin għat-tisħiħ tar-reżiljenza u s-sostenibbiltà.
- g. Il-Kunsill ifakkar li infrastruttura diġitali u soluzzjonijiet ta' konnettività siguri, affidabbli, reżiljenti, inklużivi, aċċessibbli, disponibbli u affordabbli, libertà tal-internet u bini tal-kapaċitajiet ċibernetiċi huma fattur deċiżiv għall-progress ekonomiku u soċjali u l-opportunitajiet ta' żvilupp.
- h. Il-Kunsill jagħraf l-importanza tat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri (DRR), l-azzjoni antiċipatorja u l-preparatezza għad-diżastri, biex jiġu salvati u sostnuti l-ħajjiet u għall-preservazzjoni tal-benesseri u d-dinjità, it-tnaqqis tal-ħtiġijiet umanitarji, l-adattament għat-tibdil fil-klima, u l-protezzjoni tal-kisbiet tal-iżvilupp u l-għajxien.
- i. Il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu dwar l-ilma fl-azzjoni esterna tal-UE², jappella għal sforzi mġedda biex jinkiseb l-SDG 6 u jissottolinja l-importanza li tiġi appoġġata l-ġestjoni integrata tar-riżorsi naturali, kif ukoll li tissaħħaħ l-azzjoni dinjija tal-UE biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-ilma, f'konformità mal-Istrateġija Ewropea għar-Reżiljenza tal-Ilma³.

² ST 14108/21 L-ilma fl-azzjoni esterna tal-UE – Konklużjonijiet tal-Kunsill (19 ta' Novembru 2021).

³ ST 9932/25 L-Istrateġija Ewropea għar-Reżiljenza tal-Ilma. Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni (4 ta' Ġunju 2025).

- j. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza ta' protezzjoni soċjali reattiva għax-xokkijiet għal kulħadd, bħala element vitali biex tiżdied ir-reżiljenza tal-popolazzjonijiet affettwati. Kull fejn ikun fattibbli, l-assistenza umanitarja, filwaqt li tirrispetta l-prinċipji umanitarji, għandha tesplora rabtiet mas-sistemi nazzjonali ta' protezzjoni soċjali bħala mezz biex jissaħħu l-kapaċità u s-sjieda lokali, tiġi promossa l-koordinazzjoni u jiġu stabbiliti bażijiet għal soluzzjonijiet dejjiema għall-popolazzjonijiet affettwati.
- k. Il-Kunsill jenfasizza li l-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja jinsabu fil-qalba tal-isforzi ta' reżiljenza. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza tal-edukazzjoni għal kulħadd, fl-istadji kollha tal-iżvilupp tat-tfal u fil-kuntesti kollha ta' kriżi, kif ukoll ta' programmi ta' Edukazzjoni u Taħriġ Tekniċi u Vokazzjonali biex jitrawwem l-iżvilupp sostenibbli u jinqered il-faqar estrem u l-ġuħ.
- l. Il-Kunsill jissottolinja li istituzzjonijiet inklużivi, trasparenti, u responsabbli huma kritiċi għat-tisħiħ tar-reżiljenza fit-tul fil-livelli kollha. Il-pajjiżi sħab huma responsabbli għall-iżvilupp tagħhom stess u l-implimentazzjoni tar-riformi meħtieġa u l-UE għandha tipprijorizza t-tisħiħ tal-kapaċitajiet fit-tul, filwaqt li tirrikonoxxi li t-tisħiħ tal-għarfien espert nazzjonali huwa essenzjali biex il-pajjiżi jkunu jistgħu jfasslu u jimplimentaw ir-riformi tagħhom stess, inkluż fis-settur finanzjarju.
- m. Il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu dwar it-tisħiħ tal-appoġġ għas-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni globali f'approċċ ta' Tim Ewropa⁴, allinjat mas-summit "Nutrizzjoni għat-Tkabir" li sar f'Pariġi fl-aħħar ta' Marzu 2025. B'mod konsistenti mal-Viżjoni tal-UE għall-Agrikoltura u l-Ikel, il-Kunsill jappella wkoll biex il-pajjiżi sħab jiġu appoġġati fis-sovranià, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tagħhom tal-ikel, filwaqt li jiġi żgurat aċċess għal ikel sikur, affordabbli, ta' kwalità għolja u nutrittiv għal kulħadd.

⁴ ST 16901/24 Tisħiħ tal-appoġġ ta' Tim Ewropa għas-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni globali – Konklużjonijiet tal-Kunsill (16 ta' Diċembru 2024).

- n. Il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu "Strateġija tal-UE għas-Saħħa Globali – Saħħa aħjar għal kulħadd f'dinja li qed tinbidel"⁵ u l-konklużjonijiet tiegħu dwar ir-Rapport Speċjali Nru 18/2024⁶ tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, u għadu impenjat li jappoġġa sistemi tas-saħħa reżiljenti.
- o. L-UE għadha impenjata għall-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem kollha u għall-implimentazzjoni sħiħa u effikaċi tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (ICPD) u l-eżiti tal-konferenzi ta' rieżami tagħhom u għadha impenjata għas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi (SRHR), f'dan il-kuntest. B'kont meħud ta' dan, l-UE tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha favur il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-dritt ta' kull individwu li jkollu kontroll sħiħ fuq kwistjonijiet relatati mas-sesswalità u s-saħħa sesswali u riproduttiva tiegħu, u li jieħu deċiżjonijiet b'mod liberu u responsabbli b'rabta magħhom, ħieles mid-diskriminazzjoni, il-koerċizzjoni u l-vjolenza. L-UE tisħaq ukoll fuq il-ħtieġa ta' aċċess universali għal informazzjoni u edukazzjoni ta' kwalità u affordabbli dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva, inkluż edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità, u s-servizzi tal-kura tas-saħħa.
- p. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tiegħu dwar ir-Rapport Speċjali Nru 17/2024 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, il-Kunsill ifaħħar l-isforzi li għaddejjin biex tiġi miġġielda l-migrazzjoni irregolari, inkluż permezz ta' sħubijiet komprensivi u strateġiċi fi djalogu mal-pajjiżi ta' oriġini, ta' tranżitu u ta' destinazzjoni. Filwaqt li l-kooperazzjoni għall-iżvilupp diġà tikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni irregolari, l-azzjoni esterna tal-UE għandha tindirizzahom, permezz ta' approċċi innovattivi, bħala kwistjoni ta' prijarità, b'mod iffukat, koerenti u komprensiv, u b'hekk trawwem perspettivi ekonomiċi għal għajxien sostenibbli tal-komunitajiet lokali fir-reġjuni ta' oriġini u tappoġġa lill-pajjiżi ospitanti.

⁵ ST 5908/24 Strateġija tal-UE għas-Saħħa Globali – Saħħa aħjar għal kulħadd f'dinja li qed tinbidel - Konklużjonijiet tal-Kunsill (29 ta' Jannar 2024).

⁶ ST 9395/25 Rapport Speċjali Nru 18/2024 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar "Appoġġ finanzjarju mill- UE għas- sistemi tas- saħħa f'pajjiżi sħab magħżula: Ġew segwiti objettivi strateġiċi wiesgħa, iżda l-interventi kienu milquta minn problemi ta' koordinazzjoni u sostenibbiltà" – Konklużjonijiet tal-Kunsill (26 ta' Mejju 2025).

6. Il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu dwar l-Operazzjonalizzazzjoni tar-Rabta bejn l-Aspett Umanitarju u l-Iżvilupp⁷ kif ukoll il-konklużjonijiet dwar it-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri fl-azzjoni esterna tal-UE⁸ u jenfasizza li jeħtieġ li l-atturi internazzjonali jikkontribwixxu għat-tisħiħ tar-reżiljenza fir-rabta bejn l-Aspett Umanitarju, l-Iżvilupp u l-Paċi (HDP).

INĦARSU 'L QUDDIEM/IL-PASSI LI JMISS

7. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni tkompli tintegra approċċ orjentat lejn ir-reżiljenza fl-iprogrammar attwali b'rabta mal-azzjoni umanitarja, ta' stabbilizzazzjoni, ta' żvilupp u ta' konsolidazzjoni tal-paċi tagħha. It-tisħiħ tar-reżiljenza jitlob approċċi sostnuti u integrati, abbażi ta' analiżi granulari tal-kuntesti lokali, li jindirizzaw kemm il-vulnerabbiltajiet sottostanti kif ukoll il-kapaċità li jifilħu għal xokkijiet dejjem aktar frekwenti u severi.
8. L-ODA, inkluż dik imwettqa permezz tal-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali (IFIs), ser tkompli taqdi rwol ewlieni fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp. Il-Kunsill jenfasizza l-hteġa għall-mobilizzazzjoni ta' riżorsi flessibbli, strateġiċi u katalitiċi minn firxa wiesgħa ta' sorsi finanzjarji disponibbli, mill-atturi kollha tal-iżvilupp u s-settur privat. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-potenzjal ta' mekkaniżmi ta' finanzjament innovattivi, bħall-mobilizzazzjoni ta' fondi privati, u jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tirrifletti aktar dwar dawn l-istrumenti. Il-Kunsill jenfasizza wkoll l-importanza kritika li l-pajjiżi sħab jiġu appoġġati fit-titjib tal-mobilizzazzjoni tad-dħul domestiku u fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet istituzzjonali għal ġestjoni finanzjarja pubblika tajba. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-hteġa li jsir użu minn sorsi ta' finanzjament eżistenti u innovattivi biex jiġu appoġġati l-pajjiżi l-aktar vulnerabbli fit-tisħiħ tar-reżiljenza għal xokkijiet speċifiċi, b'mod partikolari xokkijiet klimatiċi.

⁷ ST 9383/17 L-Operazzjonalizzazzjoni tar-Rabta bejn l-Aspett Umanitarju u l-Iżvilupp - Konklużjonijiet tal-Kunsill (19 ta' Mejju 2017).

⁸ ST 14463/22 Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri fl-azzjoni esterna tal-UE - Konklużjonijiet tal-Kunsill (28 ta' Novembru 2022).

9. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-Global Gateway bħala waħda mill-istrateġiji ewlenin tal-azzjoni esterna tal-UE u l-kontribut tagħha għall-kisba ta' żvilupp sostenibbli fil-pajjiżi sħab permezz ta' investiment f'infrastruttura sostenibbli, reżiljenti u ta' kwalità għolja fi sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku u bejn partijiet ugwali. Il-Kunsill jappella għal implimentazzjoni kontinwa tal-Global Gateway fi spirtu ta' Tim Ewropa f'konformità mal-interessi reċiproċi tal-UE u dawk tal-pajjiżi tal-sħab u abbażi tal-prijoritajiet ta' investiment tal-istrateġija: il-qasam diġitali, il-klima u l-enerġija, it-trasport, is-saħħa, l-educazzjoni u r-riċerka. B'enfasi fuq il-ktajjen tal-valur ewlenin u l-kurituri strateġiċi, il-Kunsill jinnota l-importanza li jiżdiedu l-investimenti tal-Global Gateway f'approċċ ta' Tim Ewropa, li jikkontribwixxi għat-tisħiħ tar-reżiljenza għall-klima, is-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni. Filwaqt li l-Global Gateway qed jintuża wkoll f'diversi kuntesti b'livelli għoljin jew estremi ta' fraġilità – bi sfidi speċifiċi għall-kuntest indirizzati permezz tal-approċċ ta' 360 grad – jeħtieġ li tibqa' tingħata attenzjoni biex jiġi żgurat li dan isir b'mod sensitiv għall-konflitt u b'appoġġ għal approċċi mfassla aktar apposta u flessibbli li jindirizzaw speċifikament il-fraġilità. Il-Kunsill jinnota li l-kundizzjonijiet għall-involviment fi sħubijiet tal-Global Gateway jistgħu ma jkunux preżenti fil-pajjiżi sħab kollha, u jenfasizza l-hteġa għal approċċ differenzjat tal-UE f'kuntesti fejn il-mudelli xprunati mill-investiment jistgħu ma jkunux xierqa jew effettivi.
10. Il-Kunsill jirrikonoxxi wkoll li f'ambjenti fraġli u (ta' wara) konflitt għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-appoġġ tal-proċessi ta' tranżizzjoni demokratika, ir-reżiljenza ekonomika u soċjali u t-tisħiħ tal-istituzzjonijiet u l-komunitajiet, b'enfasi fuq is-sostenibbiltà, l-inklużjoni u s-sjieda lokali. Il-Kunsill jissottolinja l-hteġa li jissaħħaħ aktar l-Approċċ Integrat tal-UE għal Konflitti u Kriżijiet Esterni u li jibqa' involut b'mod prammatiku iżda bbażat fuq il-prinċipji.
11. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni tkompli tikkoopera b'mod ta' benefiċċju reċiproku mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu billi tibni sħubijiet komprensivi. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni tiżviluppa approċċi sostenibbli lejn aktar koerenza bejn il-politika dwar l-iżvilupp u dik dwar il-migrazzjoni, f'konformità mad-dritt tal-UE u dak internazzjonali, inkluż billi jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni irregolari b'mod sostenibbli.

12. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni tintegra approċċi umanitarji, ta' żvilupp, ta' stabbilizzazzjoni u ta' paċi fl-ipprogrammar tagħha u tiżgura l-koerenza u l-komplementarjetà bejn il-proġetti u mal-attivitajiet tal-Istati Membri, l-IFIs, in-Nazzjonijiet Uniti u s-soċjetà ċivili kull fejn ikun possibbli. Il-Kunsill jinkoraġġixxi wkoll koordinazzjoni aktar mill-qrib ma' donaturi oħra tal-istess fehma u sħab inkarigati mill-implimentazzjoni. Il-Kunsill itenni li l-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikompli jsawru u jikkoordinaw l-interventi tagħhom abbażi tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp.
13. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li titkompla l-ħidma fuq approċċ integrat għall-fraġilità fil-livell tal-Kummissjoni kollha. Fir-rigward ta' pajjiżi fraġli, u b'mod partikolari f'ambjenti politikament ristretti u kumplessi, il-Kunsill jappella għal approċċ differenzjat. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Istati Membri jkomplu jappoġġaw kollaborazzjoni mill-qrib bejn l-UE, l-IFIs/banek multilaterali tal-iżvilupp u n-Nazzjonijiet Uniti f'ambjenti fraġli.
14. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni tkompli ttejjeb it-twissija bikrija u l-prevenzjoni tal-konflitti, il-monitoraġġ u l-analiżi tar-riskju biex tinforma l-ipprogrammar kif ukoll azzjonijiet mhux programmabbli. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli u lill-Istati Membri jkomplu u jtejbu l-kondiviżjoni tal-analiżijiet, ir-rieżamijiet u t-tagħlimiet meħuda kif ukoll il-pjanijiet ta' azzjoni tagħhom f'approċċ ta' Tim Ewropa, biex jiġi żgurat tagħlim kollettiv u rispons rapidu u koerenti mill-UE u l-Istati Membri tagħha.
15. Il-Kunsill jinkoraġġixxi aktar riflessjoni dwar offerta Ewropea komprensiva u bbażata fuq il-valuri għall-governanza elettronika ċċentrata fuq il-bniedem, li tappoġġa r-reżiljenza reċiproka u s-sovranià diġitali tal-UE u tal-pajjiżi sħab.
16. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli u lill-Istati Membri jkomplu jenfasizzaw l-appoġġ tal-UE għar-reżiljenza fl-isforzi tagħhom ta' komunikazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni, biex jenfasizzaw li l-UE hija sieħeb stabbli, ta' fiduċja u affidabbli li jipprovdi appoġġ sod. Il-Kunsill jinkoraġġixxi komunikazzjoni strateġika fil-lingwi lokali u permezz ta' kanali aċċessibbli għall-popolazzjoni lokali.
17. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Kummissjoni tkompli tiffoka b'mod qawwi fuq it-tisħiħ tar-reżiljenza, it-tisħiħ tal-istabbiltà, it-trawwim tal-paċi, l-indirizzar tar-riskji għall-protezzjoni u t-tegħlib tal-fraġilità fil-pajjiżi sħab fir-riflessjonijiet dwar il-futur tal-azzjoni esterna tal-UE, mingħajr ma jiġu antiċipati n-negozjati tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li jmiss.